MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2015

Numru. 255/2015

**Il-Pulizija**

**Spettur Carlos Cordina**

**VS**

**Brandon Lee Psaila detentur tal-karta tal-identita' numru 0189298M**

**Illum 6 ta' Marzu, 2015**

**Kumpilazzjoni Numru 255/2015**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Brandon Lee Psaila** li gie akkuzat talli nhar id-19 ta’ Novembru, 2013 ghall-habta ta’ 1400hrs, gewwa fond numru 103, Triq Sant’Orsola, Valletta u fil-Gzejjer ta’ Malta:

1. Talli nhar id-19 ta’ Novembru, 2013 minn fuq il-persuna ta’ Doris Vella fi Triq Sant’Orsola Valletta, ikkomemta serq ta’ gojjelli, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (Ewro2,329.37), ghad-detriment ta’ Doris Vella liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (Ewro2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u bil-lok;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew xort’ohra sabiex jindahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli minghajr ordni skont il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti u barra mil-kazijiet il fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Doris Vella ta’ 76 sena kontra l-volonta’ taghha;

4. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Doris Vella biza’ li ser tintuza vjolenza kontrieha, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkaguna biza’.

Il-Qorti ntalbet tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna/i u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna/i jiffrekwentaw.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna/i involuti u l-familja taghhom ai termini ta’ l-artikolu 382°, 383, 384, 385 et sequitur tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ntlabet li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita’ li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li din il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat kif ukoll li d-dettalji tal-istess kaz jixxandru fuq il-mezzi tal-media.

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom instab hati l-imputat li huma serji, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-koperazzjoni tieghu bis-shih mal-pulizija, il-fatt li stqarr li possibilment jixtieq jiskuza ruhu mal-parte leza ghaliex jaf li ghamel zball u l-fedina penali tieghu li

hija wahda netta. Oltre’ dan il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat huwa minuri u piena karcerarja mhix wahda idonea fic-cirkustanzi.

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 269(g), 274(c), 275, 276A, 277, 278, 280, 251B, 17, 20 u 37(2) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant tikkundannah ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlitt (3) snin;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta’ elf u mitejn Ewro (Ewro1,200) lil Doris Vella fi zmien sitt (6) xhur f’rati mensili;

Oltre dan, ghas-sigurta’ ta’ Doris Vella u l-familja taghha, tpoggi lill-hati taht obbligazzjoni personali ta’ tmin mitt Ewro (Ewro800) ghal zmien sena (1) mill-lum.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar it-talba ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar l-ispejjez peritali billi ma rrizultax li kien hemm involuti esperti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza u kif ukoll jekk ma jhallasx l-ammont lill-parte leza.

Tordna n-notifika ta’ din is-sentenza u ta’ l-atti lill-Avukat Generali fiz-zmien rikjest mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------